# "IL-FIDWA TAL-BDIEWA" TA' NINU CREMONA

## Oliver Friġġieri dwar l-Istudju Kritiku ta' Ġużè' Diacono

L-istudju kritiku li għadu kemm xandar Ġużè Diacono dwar "Il-Fidwa tal-Bdiewa" beda biex naqqas il-vojt kbir li għadu jinħass fil-qasam ta' l-istudji letterarji, l-iżjed fil-qasam tal-kitba ta' Ninu Cremona.

Il-ħsieb ewlieni ta' Ġużè Diacono, id-dramaturgu magħruf li se jagħti l-fehma tiegħu dwar xogħol ieħor drammatiku, huwa li bħa'a poema fih bosta valuri, iżda bħala xogħol għall-palk fih għadd ta' nuqqasijiet tekniċi. Diacono jiċħad li d-dramm huwa pastorali, u jisħaq li huwa "poema drammatiku' iżjed milli "dramm poetiku". Dan huwa ħsieb interessanti li Diacono jinqeda bih biex iqiegħed f'postu lix-xogħol ta' Cremona min-naħa letterarja maltija. Jissokta biex jiddeċiedi b'raġunijiet tassew siewja jekk "Il-Fidwa tal-Bdiewa" huwiex xogħol klassiku jew romantiku. Diacono jemmen li fil-qofol tiegħu huwa għandu ruħ romantika, waqt li l-element klassiku donnu jsostni lir-ruħ ewlenija.

Biex jifred bejn klassiċiżmu u romantiċiżmu, Diacono jagħmel tajjeb ħafna meta jisħaq fuq l-eżistenza jew in-nuqqas ta' unita' ta' l-azzjoni u taż-żmien. Dwar iż-żmien il-kritiku għaraf idaħħal it-tagħrif storiku mal-fehmiet kritiċi tiegħu, b'mod li ta bixra ta' ħtieġa, u mhux ta' żieda, lill-element tal-ġrajja li fi studju kritiku jista' ma jkollux importanza.

Fil-qasam tal-karatterizzazzjoni Diacono mexa tajjeb meta għażel bejn il-ġemgħa tal-karattri maltin u l-ġemgħa l-oħra ta' l-ispanjoli. Jien ukoll nemmen li din l-għażla, bħal bejn l-iswed u l-abjad, kienet f'moħħ Cremona l-ħin kollu matul "Il-Fidwa tal-Bdiewa". Ried joħroġ il-karattru waħdani tar-raħħala Maltin bis-sengħa ta' l-artist u mhux bir-raġuni kiesħa ta' l-istoriku, għad li Cremona ma ħalliex il-fantasija tiġri bih wisq biex jitbiegħed mill-verità storika. U hekk ukoll għamlu l-kittieba klassiċi Maltin kollha li kellhom f'moħħom il-ħakma kolonjali. Anzi l-kwalitajiet tajbin tal-ġemgħa Maltija, kemm fi Cremona u kemm fil-bqija tal-poeti u rumanzieri klassiċi, għandhom l-għan doppju li jwettqu lill-karattri lokali u jitfgħu dell iswed fuq il-ġemgħa barranija. Din m'hijiex ħlief għażla romantika, immexxija biss minn sentiment individwalista.

Element ieħor li Diacono tah importanza huwa l-lingwaġġ klassiku, mirqum, li Cremona qiegħed fuq fomm bdiewa u raħħala bla tagħlim. Min-naħa realistika, dan huwa nuqqas, iżda l-arti m'hijiex tiġdid tal-ġrajja fuq il-livell tas-sensi, iżda ħolqien bis-saħħa tagħha. Huwa ħolqien li jgħaqqad it-tiġrib tas-sensi barranin u ġewwiena biex joħloq xogħol li

m'huwiex qrib il-materja daqs kull ħidma umana oħra ta' kuljum. Diacono jfisser dan billi jgħid li huwa Cremona, u mhux il-karattri nfushom, li qiegħed jirrakkonta ġrajja ta' nazzjon bis-saħħa ta' persunaġġi li għażel hu.

Fl-aħħar taqsima ta' l-istudju kritiku, Diacono jqis l-element storiku li l-kittieb inqeda bih bħala l-bażi tax-xogħol tiegħu fid-dawl ta' l-istoriċi l-qodma, li kienu magħrufa qabel ma kiteb Cremona, u fid-dawl tat-tiftix li Monsinjur Mifsud xandar akťar tard skond dak li rnexxielu jsib fl-arkivju tal-Katidral u fil-Bibljoteka. Cremona nnifsu ammetta dan: "... għalhekk ix-xogħol tiegħi ma jaqbilx f'kollox ta' kollox ma' dak li sirna nafu fuq dawn il-ġrajjiet minn xi 27 sena 'l hawn." It-tiftix ta' Mifsud jinsab miġbur "f'Le Franchigie Costituzionali Alfonsiane e l'Invasione dei Mori del 1429 nella compilazione della storia di Malta".

Fi ftit kliem, l-istudju ta' Ġużè Diacono qanqal bosta punti tassew importanti dwar xogħol li sal-lum kien għadu qiegħed ifittex il-kritiċi tiegħu. Diacono ta dehra ċara ta' ħsibijiet ewlenin dwar "Il-Fidwa tal-Bdiewa": jekk hux dramm poetiku jew poema drammatiku; is-siwi tad-diskorsi twal u deklamatorji fl-unità; il-burdati li jitbiddlu minn żmien għal ieħor matul ix-xogħol kollu; il-qagħda tiegħu mqabbla ma' xogħlijiet drammatiċi oħra Maltin.

Il-ktieb huwa maħruġ fis-sensiela tal-"Melitensia Publications", huwa mitbugħ fuq karta ċara, u jinsab għall-bejgħ għand il-librara ewlenin.